**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-PETIZZJONIJIET**

**LAQGĦA NRU 5**

**It-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2023**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fil-5:00 p.m.

L-Onor. Chris Agius, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Ivan Castillo u l-Onor. Deo Debattista.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 4 li saret fis-27 ta' Ottubru 2023, ġew konfermati.

Il-President tal-Kumitat, l-Onor. Chris Agius, ippreżenta għall-informazzjoni tal-Kumitat:

| | |
|---|---|
| Dok. 10 | Lista ta' Petizzjonijiet quddiem il-Kumitat fejn għadha ma bdiext id-diskussjoni jew għadhom pendenti |
| Dok. 11 | Lista ta' Petizzjonijiet quddiem il-Kumitat u d-*draft replies* proposti. |
| Dok. 12 | Korrispondenza tal-Onor. Justin Schembri fir-rigward tal-Petizzjoni MP-3 biex tinqara verbatim fil-kumitat |

<u>Petizzjoni Nru 6 – Reviżjoni tal-25% tal-Free Childcare Scheme</u> – Il-Kumitat għadu qiegħed jistenna risposta mingħand il-Ministeru tal-Finanzi u x-Xogħol. Kien hemm qbil biex terġa' tintbagħat reminder għal risposta fuq din il-petizzjoni għat-tielet darba. Kien hemm qbil li din tista' tintbagħat ukoll lis-CEO tal-Jobsplus

<u>Petizzjoni Nru 8 – Distruzzjoni ta' Kemmuna</u> – Il-Kumitat rċieva rimarki u l-President tal-Kumtiat qara r-risposta mibgħuta lilhom. Il-Kumitat qabel li din ir-rimarka tgħaddi lill-petizzjonant u jekk ma jkollux aktar kummenti, din il-petizzjoni tiġi eżawrita.

<u>Petizzjoni Nru 9 –To establish proper rules and regulations on P.C application for reasonable closure</u>; Il-Kumitat irċieva risposti minn Ministeri differenti. Il-President tal-Kumitat qara r-

rispo963sti u qabel li dawn għandhom jintbagħtu lill-petizzjonant u jekk ma jkunx hemm aktar kummenti, din il-petizzjoni tiġi eżawrita.

Bil-permess tal-Kumitat, il-President tal-Kumitat stieden lis-Sur Cedric Valletta biex jikkumenta fuq petizzjoni li ġa kienet ġiet magħluqa (Petizzjoni Nru 1). Is-Sur Valletta huwa imprenditur li għamel agreement ma' kumpanija Taljana fir-rigward ta' CBD products li jaqgħu taħt it-2% THC. Qed jiġi affettwat minħabba liġi msemmija fil-Petizzjoni Nru 1 fir-rigward ta' anomaliji fil-Liġi. Is-Sur Valletta ppreżenta xi dokumenti lill-Kumitat:

| | |
|---|---|
| Dok 13 | Judgement of the Court (Fourth Chamber) 19th November 2020 – Case C-663/18 |
| Dok 14 | Court of Justice of the European Union – Press Release No. 141/20 |
| Dok 15 | Court Decision of Lazio Regional Administrative Council dated 14th February 2023 |
| Dok 16 | Court Decision dated 29th December 2022 by the Conseil D'Etat in France |

Il-Kumitat qabel li jgħaddi d-dokumenti li ngħataw lill-Ministeru kkonċernat u jekk il-Ministeru jgħaddi xi rimarki, il-Kumitat jinforma lis-Sur Cedric Valletta.

Il-Kumitat għadda għal Petizzjoni Nru 15 – Erġgħu iftħu Skola Primarja fil-Lokalità tal-Imtarfa peress li kien se jitkellem Dr. Peter Gatt mill-Malta Geology Chamber. Dr. Gatt ta' spjegazzjoni rigward is-sitwazzjoni Ġeologiku ta' Malta imma l-kumitat insista li għandu jżomm mal-petizzjoni in kwistjoni u mhux jitkellem in ġenerali. Il-President qal li kien out of order u li għandu jirrelata mal-bini tal-iskola tal-Imtarfa. Tkellmet ukoll l-Onor. Rebekah Borg rigward din il-petizzjoni. Saħqet li għandha tinbena skola fl-Imtarfa u mhux imorru fl-iskola tal-Imsida jew inkella fl-iskola tar-Rabat. Il-Kumitat qabel li terġa' tintbagħar reminder u kif ikollna risposta, il-kumitat javża lill-Onor. Rebekah Borg biex tiġi fil-Kumitat.

Il-Kumitat għadda għall-Petizzjoni MP-4: Onor. Ian Vassallo – Diskussjoni għal sistema ta' Traffic Management aħjar fi Triq Sir Temi Zammit. Tkellem l-Onor. Ian Vassallo rigward it-traffic management il-ġdid li qed joħloq aktar traffic u aktar inċidenti u joffri skumdità kbira lir-residenti. Qed jintalab biex jiġi ppubblikat l-istudju li sar u li terġa' tinfetaħ konsultazzjoni pubblika dwar dan. L-Onor. Charles Azzopardi tkellem rigward il-problemi tar-residenti fl-Imġarr b'dan it-traffic management ġdid. Il-Kumitat talab li tintbgħat lill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali għar-rimarki tiegħu u biex jagħti d-dettalji ta' xi studju sar, min għamlu u jekk saritx konsultazzjoni pubblika rigward dan il-każ.

Petizzjoni Nru 10 - Government Land – Site at Tal-Qortin, between Triq is-Sagħtar and Triq il-Miġbha Mellieħa; Il-Kumitat għadu qed jistenna risposta mingħand il-Ministeru u għaldaqstant intalab biex tintbagħat reminder ieħor lis-Segretarju Permanenti. L-Onor Castillo qal li din l-art għaddiet għand il-privat.

Petizzjoni Nru 11 - Double Jeopardy rule of law is out the window , ne bis in idem A human rights violation; Il-Kumitat rċieva r-rimarka u qabel li din għandha tgħaddi għand il-petizzjonant u jekk ma jkunx hemm kummenti, il-petizzjoni tiġi eżawrita.

Petizzjoni Nru 12 - Protecting Interests, Rights And Privileges Of Minority Groups; Il-Kumitat għadu qed jistenna risposta mingħand il-Ministeru u għaldaqstant intalab biex tintbagħat reminder oħra lis-Segretarju Permanenti.

Petizzjoni Nru 13 - Revision of the legality of heated tobacco products; Il-Kumitat għadu qed jistenna risposta mingħand il-Ministeru u għaldaqstant intalab biex tintbagħat reminder oħra lis-Segretarju Permanenti.

Petizzjoni Nru 14 – Revision of High-Rise Permit fuq ix-Xemxija Ridge: Il-President tal-Kumitat qara r-risposta li ntbagħtet mis-Segretarju Permanenti. Il-Kumitat qabel li tintbagħat ir-rimarka lill-petizzjonant u jekk il-kumitat jirċievi mit-Tribunal, din tintbagħat lill-petizzjonant.

Il-President issuġġerrixa li l-Kumitat għandu jiltaqa' qabel ma jiġu kkunsidrati petizzjonijiet ġodda. Talab ukoll li l-laqgħa li jmiss issir biex jiddiskuta linji gwida u l-istanding orders u forsi nistidnu persuni li jkunu jistgħu jtuna point of view tekniċi.

Petizzjoni Nru 16 – Petizzjoni Demokratika u Leġittima kontra storbju f'Żoni Residenzjali: Il-Kumitat rċieva tweġiba waħda u l-President qara t-tweġiba tal-Ministeru. Il-Kumitat qabel li jistenna rimarka mill-Ministeru għall-Ġustizzja qabel ma jgħaddi r-rimarki lill-petizzjonant.

Petizzjoni Nru 17: Insalvaw il-Kultura u t-Tradizzjoni marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Belt Valletta: Il-Kumitat irċieva numru ta' rimarki minn Ministeri differenti u l-President tal-Kumitat qara dawn ir-rimarki. Il-Kumitat qabel li jgħaddu r-rimarki lill-petizzjonant u jekk ma jkunx hemm aktar rimarki, tiġi kkunsidrata bħala eżawrita

Petizzjoni Nru 18: Garaxxijiet fi driveways komuni privati ma għandhomx jiġu ostakolati, il-pulizija għandha tinforza: il-Kumitat qabel li għandha titbagħat lill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riforma u l-Ugwaljanza biex ikun jista' jgħaddi r-rimarki tiegħu.

Petizzjoni Nru 19: Polza tal-Assigurazzjoni favur terzi qabel ma jinbeda xogħol ta' kostruzzjoni qrib ġirien - il-Kumitat qabel li għandha titbagħat lill-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar biex ikun jista' jgħaddi r-rimarki tiegħu.

Fuq Petizzjoni Nru 20, il-kumitat qabel li għandha tiġi diskussa off air fuq jekk għandhomx ikomplu fuqha.

Petizzjoni Nru 21: Maltese Embassy in Thailand – Strenghtening Diplomatic Ties and Foestering Bilateral Relations – Il-Kumitat qabel li din għandha tintbagħat lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ biex ikun jista' jagħti r-rimarki tiegħu.

Petizzjoni Nru 22: Birkirkara, Oġġezzjoni għall-Applikazzjoni tal-Lukanda tħares fuq il-Bażilika – Il-Kumitat iddiskuta l-petizzjoni u qabel biex din tintbagħat lill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali kif ukoll lill-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar.

Petizzjoni Nru 23: Oġġezzjoni għal PC 13/23 Manikata minn żona ta' żvilupp ta' Villel għal Żona Residenzjali – Il-Kumitat qabel li din għandha tgħaddi wkoll għall-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar.

Fir-rigward tal-Petizzjonjiet Nri 24, 25, 26 u 27 għadhom iridu jagħlqu u għalhekk id-diskussjoni ssir f'laqgħa oħra.

Petizzjoni MP-2 – Onor. Jerome Caruana Cilia – Ħal Qormi – Triq il-Barrakki; Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat reminder oħra biex tingħata rimarka lill-Kumitat

Petizzjoni MP-3 – Onor. Justin Schembri – Ħal Lija – Kulleġġ Santa Tereża – LPG Storage Facility: Il-kumitat qara l-korrispondenza li bagħat l-Onor. Justin Schembri u qabel li għandi tgħaddi lill-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, lill-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar u lill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża għar-rimarki tagħhom.

Kif kien hemm aċċenn qabel, il-President tal-Kamra ppropona biex il-laqgħa li jmiss jiġu diskussi l-istanding orders u linji gwida biex ikunu aktar adegwati.

Fis-6:16 p.m. il-Kumitat ġie aġġornat għal data li kellha tiġi kkomunikata aktar tard.

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**